31985R3818

31.12.1985 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 368/20

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 3818/85
tat-30 ta' Diċembru 1985
li jemenda ċerti Regolamenti li għandhom x'jaqsmu maż-żjut u x-xaħmijiet bħala riżultat ta' l-adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat l-Att ta' l-Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall, b'mod partikolari Artikolu 396 tiegħu,

Billi, bħala konsegwenza ta' l-adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall u skond Artikolu 396 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni, ir-Regolamenti li ġejjin għandhom jiġu emendati:

— ir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 172/66/KEE tal-5 ta' Novembru 1966 li jiffissa koeffiċjenti għall-varjetajiet differenti taż-żejt taż-żebbuġa mhux raffinat [1],

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 205/73 tal-25 ta' Jannar 1973 dwar il-komunikazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni li jirrigwardaw iż-żjut u x-xaħmijiet [2],

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2041/75 tal-25 ta' Lulju 1975 dwar regoli speċjali dettaljati sabiex tiġi applikata s-sistema tal-liċenzji ta' l-importazzjoni u ta' l-esportazzjoni u ċ-ċertifikati tal-fissar bil-quddiem għaż-żjut u x-xaħmijiet [3],

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2960/77 tat-23 ta' Diċembru 1977 dwar regoli dettaljati għall-bejgħ taż-żejt taż-żebbuġa miżmum mill-aġenziji ta' l-intervent [4].

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3130/78 tat-28 ta' Diċembru 1978 li jistabbilixxi ċ-ċentri ta' l-intervent għaż-żejt taż-żebbuġa [5],

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3136/78 tat-28 ta' Diċembru 1978 li jistabbilixxi regoli dettaljati sabiex tiġi ffissata l-imposta fuq l-importazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa bl-offerta [6].

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2677/85 ta' l-24 ta' Settembru 1985 li jistabbilixxi regoli ta' l-implimentazzjoni rigward is-sistema ta' għajnuna għall-konsum għaż-żejt taż-żebbuġ [7].

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1726/82 tat-30 ta' Ġunju 1978 li jistabbilixxi ċ-ċentri ta' l-intervent għal-kolza, il-lift u żerriegħa tal-ward tax-xemx [8],

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2681/83 tal-21 ta' Settembru 1983 li jistabbilixxi regoli ddettaljati sabiex tiġi applikata s-sistema tas-sussidji għaż-żrieragħ taż-żejt [9].

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1813/84 tat-28 ta' Ġunju 1984 li jistabbilixxi regoli ddettaljati sabiex jiġu applikati l-ammonti differenzjali għall-kolza, il-lift u ż-żerriegħa tal-ward tax-xemx [10]:

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3061/84 tal-31 ta' Ottubru 1984 li jistabbilixxi regoli ddettaljati sabiex tiġi applikata s-sistema ta' għajnuna għall-produzzjoni għaż-żejt taż-żebbuġa [11].

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 27/85 tal-4 ta' Jannar 1985 li jistabbilixxi regoli ddettaljati sabiex jiġi applikat ir-Regolament (KEE) Nru 2262/84, li jistabbilixxi miżuri speċjali rigward iż-żejt taż-żebbuġa [12].

Billi skond Artikolu 2(3) tat-Trattat ta' l-Adeżjoni, l-istituzzjonijiet Komunitarji jistgħu jadottaw, qabel l-adeżjoni, il-miżuri provduti f'Artikolu 396 ta' l-Att, u billi dawn il-miżuri għandhom jidħlu fis-seħħ bla ħsara għad-dħul fis-seħħ ta' l-imsemmi Trattat u fid-data tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT

Artikolu 1

1. Ir-Regolament Nru 172/66 huwa hawnhekk emendat kif ġej:

Fl-Anness, jiġu mħassra d-dħul "Żejt verġni, għajr il-*lampante*, li joriġina fl-Andalusija (Spanja) u jiġi minnha" u l-koeffiċċjent korrispendenti ta' l-ekwivalenza.

2. Ir-Regolament (KEE) Nru 205/73 huwa hawnhekk emendat kif ġej:

F'Artikolu 4(1), tiġi mħassra il-kelma "Spanja".

3. Ir-Regolament (KEE) Nru 2041/75 huwa hawnhekk emendat kif ġej:

— Dan li ġej għandu jiżdied ma Artikolu 2a:

"Importaciones a granel o en recipientes superiores a 5 litros"

"Importaçoes a granel ou em embalagens imediatas de conteùdo superior a 5 litros".

"Importaciones en recipientes inferiores o iguales a 5 litros".

"Importaçoes em embalagens imediatas de conteùdo inferior ou igual a 5 litros".

[1] ĠU L 202, ta-7.11.1966, p. 3481/66.
[2] ĠU L 23, tad-29.1.1973, p. 15.
[3] ĠU L 213, tal-11.8.1975, p. 1.
[4] ĠU L 348, tat-30.12.1977, p. 46.
[5] ĠU L 370, tat-30.12.1978, p. 58.
[6] ĠU L 370, tat-30.12.1978, p. 72.
[7] ĠU L 254, tal-25.9.1985, p. 5.
[8] ĠU L 189, ta' l-1.7.1982, p. 64.
[9] ĠU L 266, tat-28.9.1983, p. 1.
[10] ĠU L 170, ta-29.6.1984, p. 41.
[11] ĠU L 288, ta' l-1.11.1984, p. 52.
[12] ĠU L 4, tal-5.1.1985, p. 5.

— Dan li ġej għandu jiżdied ma' Artikolu 9(2):

"Sin restitucion en metalico";
"Sem restituiçao en numerário".

— Dan li ġej għandu jiżdied ma' Artikolu 9(3):

"Franquicia de exacción reguladora para … (cantidad para la cual el certificado se ha concedido) Kg";
"Isençao de direito nivelador para …(quantidade para a qual é emitido o certificado …) kgé".

— Dan li ġej għandu jiżdied ma' Artikolu 12(1):

"La cantidad se refiere a la cualidad-tipo";
"A quantidade refere-se à qualidade-tipo".

4. Ir-Regolament (KEE) Nru 2960/77 huwa hawnhekk emendat kif ġej:

Dan li ġej għandu jiżdied ma' Artikolu 16(2):

"Exportaciones en el cuadro del reglamento (CEE) n. 2960/77";
"Exportaçoes no âmbito do regulamento (CEE) n.º 2960/77"

5. Ir-Regolament (KEE) Nru 3130/78 huwa hawnhekk emendat kif ġej:

It-test ta' Anness I li jinsab ma' dan ir-Regolament jiżdied ma l-Anness.

6. Ir-Regolament (KEE) Nru 3136/78 huwa hawnhekk emendat kif ġej:

— Dan li ġej għandu jiżdied ma' Artikolu 4(1):

"Tasa de exacción reguladora (en moneda nacional) por 100 kilogramos"
"taxa de direito nivelador (en moeda nacional) por 100 kilogramas"

— F'Artikolu 4(2):

— l-ewwel inċiż jiġi mħassar;

— jiġi miżjud is-subparagrafu li ġej:

"Madankollu, is-subparagrafu ta' qabel għandu japplika biss għall-Spanja u l-Portugall mill-1 ta' Jannar 1991."

— Is-subparagrafu li ġej jiġi miżdjud ma' Artikolu 5(3):

"Madankollu, fil-każ tal-liċenzji li jkollhom il-kelma 'Spanja' fit-Taqsimiet 13 u 14 id-data li fiha jiskadu dawn il-liċenzji ma għandhiex tiġi qabel it-28 ta' Frar 1986."

7. Ir-Regolament (KEE) Nru 2677/85 huwa hawnhekk emendat kif ġej:

— Iż-żewġ inċiżi li ġejjin jiġu miżjuda ma' Artikolu 4(1):

"*(CEE) - ESP* għall-impjanti li jinsabu fi Spanja"

"*(CEE) - P* għall-impjanti li jinsabu fil-Portugall."

— Dan li ġej jiġi miżjud ma' l-ewwel subparagrafu ta' Artikolu 17(2):

"Madankollu, fi Spanja u l-Portugall dan l-ammont għandu jkun egwali għal dak li jrid jiġi depożitat fil-pajjiżi l-oħra tal-Komunità."

8. Ir-Regolament (KEE) Nru 1726/82 huwa hawnhekk emendat kif ġej:

Anness II ma' dan ir-Regolament jiġi miżjud ma' l-Anness.

9. Ir-Regolament (KEE) Nru 268/83 huwa hawnhekk emendat kif ġej:

— Dan li ġej jiġi miżjud mat-tielet subparagrafu ta' Artikolu 18(5):

"*ESP* għal Spanja u *P* għall-Portugall".

— Dan li ġej jiġi miżjud ma' l-ewwel subparagrafu ta' Artikolu 26(2):

"Semillas o mezclas importadas";

"sementes ou misturas importadas"

— Dan li ġej jiġi miżjud mal-punt (b) tat-tieni subparagrafu ta' Artikolu 26(2):

"Destinado a ser sometido al régimen de control previsto en el articulo 2 del reglamento (CEE) nº 1594/83 o a ser puesto en condiciones de no poder beneficiarse de la ayuda";

"Destinado a ser submetido ao regime de controlo previsto no artigo 2.º do regulamento (CEE) n.º 1594/83 ou ser colocado em condiçoes de nao poder beneficiar da ajuda".

10. Ir-Regolament (KEE) Nru 1813/84 huwa hawnhekk emendat kif ġej:

— Dan li ġej jiġi miżjud ma' Artikolu 10(1):

"Semillas cosechadas en …";

"sementes produzidas em …".

— Dan li ġej jiġi miżjud mal-punt (b) ta' Artikolu 10(2):

"Destinado a ser transformado con vista a la produccion de aceite o, en el caso de las semillas de colza y de navina, para su incorporacion a los alimentos para animales, o a ser puestas en condiciones de no poderse beneficiar de la ayuda en el sentido del articulo 30 del reglamento (CEE) nº 2681/83";"

Destinado a ser transformado para produçao de azeite ou, no case de se tratar de sementes de colza ou de nabita, com vista à sua incorporaçao em alimentos para animais, ou a ser colocado em condiçkoes de nao poder beneficiar da ajuda nos termos do artigo 30 do regulamento (CEE) n.º 2681/83".

11. Artikolu 11 tar-Regolament (KEE) Nru 306/84 huwa hawnhekk emendat kif ġej:

"5. Għal Spanja u l-Portugall, il-limiti ta' żmien stabbiliti fil-paragrafi 1, 2 u 4 għandhom jitreġġgħu lura għall-31 ta' Ottubru 1987, it-3 ta' Diċembru 1987 u l-1 ta' Novembru 1987 rispettivament u l-informazzjoni referita fil-paragrafu 3 għandha tkun dik li għandha x'taqsam mas-sena tas-suq 1986/87."

12. Ir-Regolament (KEE) Nru 27/85 huwa hawnhekk emendat kif ġej:

— Is-subparagrafu li ġej jiġi miżjud ma' Artikolu 1(1):

"Madankollu, għal Spanja u l-Portugall, il-limitu taż-żmien għandu jitreġġa' lura għall-1 ta' Novembru 1986."

— Is-subparagrafu li ġej jiġi miżjud ma' Artikolu 7:

"4. Il-paragrafi ta' qabel għandhom japplikaw għal Spanja u l-Portugall għas-sena tas-suq 1986/87."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 1986 bla ħsara għad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' l-Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel,fit-30 ta' Diċembru 1985.

Għall-Kummissjoni

Franza ANDRIESSEN

Viċi-President

ANNESS I

SPANJA	*Il-Provinċja*	*I-Lokalità*
	Teruel	Alcañiz
	Zaragoza	Caspe
	Lérida	Borjas Blancas
	Tarragona	Reus-Montroig y Tortosa
	Madrid	Pinto, Villarejo de Salvanés
	Ciudad Real	Daimiel, Villanueva de los Infantes
	Toledo	Belvis de la Jara, Consuegra, Mora de Toledo
	Alicante	Alcoy
	Castellón	San Mateo
	Murcia	Yecla
	Badajoz	Azuaga, Roca de la Sierra y Villafranca de los Barros
	Cáceres	Montanchez y Torre don Miguel
	Cádiz	Arcos de la Frontera
	Córdoba	Baena, Lucena, Montoro, Nueva Carteya, Pozoblanco, Puente Genil, Rute
	Granada	Atarfe, Iznalloz y Loja
	Huelva	San Juan del Puerto
	Jaén	Alcalá la Real, Alcaudete, Andújar, Baeza, travu de Segura, Gampillo de Arenas, Espeluy, Huelma, Jaén, Linares, Martos, Peal de Becerro, Porcuna, Santisteban del Puerto, Torredonjimeno, Torreperojil, Úbeda, Vilches, Villacarrillo,
	Málaga	Antequera, Cuevas Bajas, Villanueva de la Algaida
	Sevilla	Alanix de la Sierra, Ecija, Estepa, Marchena

IL-PORTUGALL	*Id-Distrett*	*Il-Lokalità*
	Évora	Évora
	Beja	Beja
	Santarém	Santarém
	Castelo Branco	Castelo Branco
	Bragança	Bragança

ANNESS II

A. **Iż-Żerriegħa tal-lift**

SPANJA	*Il-Provinċja*	*Il-Lokalità*
	Navarra	Tafalla
	Sevilla	Carmona
	Valladolid	Olmedo
	Badajoz	Puiebla de la Calzada
	Lérida	Tárrega
	Toledo	Quintanar de la Orden

B. **Iż-Żerriegħa tal-ward tax-xemx**

SPANJA	*Il-Provinċja*	*Il-Lokalità*
	Huesca	Binéfar
	Lérida	Tárrega
	Ávila	Hernán Sancho
	Segovia	Segovia
	Valladolid	Olmedo
	Zamora	Fuentesauco
	Albacete	La Roda
	Ciudad Rea	Daimiel
	Cuenca	Cuenca, La Almarcha, Tarancón
	Toledo	Quintanar de la Orden
	Badajoz	Don Benito, Puebla de la Calzada
	Cádiz	Jédula, Vejer
	Córdoba	Córdoba y Palma del Río
	Jaén	Andújar
	Sevilla	Carmona, La Roda de Andalucía, Lebrija, Osuna, Sevilla

IL-PORTUGALL	*Id-Distrettt*	*Il-Lokalità*
	Évora	Évora
	Beja	Beja
	Portalegre	Portalegre